**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Epifanio Azzopardi**

Kaz Nru: 223/2012

Illum 26 ta' Ottubru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Epifanio Azzopardi bin il-mejjet Giuseppe u l-mejta Michelina nee' Zammit, imwieled Qormi fit-12 ta' Jannar 1936 u joqghod 260, Triq il-Vitorja Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru 51936(M):

Talli f'Ottubru 2011 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ircieva minghand Giuseppe Falzon detentur tal-karta tal-identita' numru 888737(M), Albert Falzon detentur tal-karta tal-identita' numru 646561(M) u Stephen Zammit detentur tal-karta tal-identita' numru 126371(M) xi weghda li jinghata, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qligh iehor taht liema ghamla li jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi, ai termini tal-artikoli 18 u 298C tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet il-finali trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri kellhom il-bidu taghhom wara li l-pulizija rcevew kwerela datata 2 ta' Ottubru 2011 f'isem Giuseppi Falzon, Albert Falzon u Stephen Zammit li rrapurtaw li fis-sena 1991 kienu ssellfu minghand Epifanio Azzopardi u kien qieghed jitlobhom imghaxijiet ezorbitanti u kien ghadu qieghed jigri wara l-flus.

Giuseppi Falzon jispjega fir-rapport tieghu li fis-sena 1991 kien ha l-canteen tal-Marsa Shipbuilding u kellu bzonn elf lira Maltin bhala garanzija fuq in-negozju. Ghalhekk flimkien ma' ibnu Albert marru ghand l-imputat li kien jafu qabel billi kien jixtri l-pastizzi minghandu. L-imputat tahom Lm900 ghaliex il-Lm100 zammha bhala rigal u ftehmu li kienu se jroddu l-flus ftit ftit. Wara xi xhur l-imputat mar il-canteen u ibnu Albert fil-presenza tieghu kien ta lill-imputat Lm1,000. Dakinhar l-imputat qalilhom li kien jonqoshom ituh. Huma baqghu jtuh xi pagamenti kull meta kien imur jitlobhom il-flus izda m'ghamlu xejn bil-miktub. Fis-sena 1995, l-imputat qallu biex jibda jaghtih xi haga fil-gimgha u bdew jaghtuh Lm25 meta kien imur biex ihallsu ghall-pstizzi. Ighid li xi drabi kien jiffirma fuq ktieb li ma jafx fejn huwa. Ikompli li fis-sena 1997 kienu telqu mill-canteen u bdew jahdmu minn gewwa l-kiosk f'Bugibba li kien jifthu fis-Sajf biss. L-imputat gieli mar ghandu flimkien ma' martu u ma kienx ihallas, u kull meta jmur kien ighid lil ibnu jekk kienx hemm xi haga tal-flus imma qatt ma rega' ha flus minghandhom. L-imputat kien ukoll allegatament imur id-dar tax-xhud u kien ighidlu biex itih xi pagamenti izda ma kienx itih. Darba mar f'daru b'karta f'idu biex ighid lit-tifel jiffirma l-karta biex jintrabat ihallas Lm2,000 u ma jkunx hemm aktar pagamenti. Ix-xhud kien qallu li ibnu mhux se jiffirma u

biex ma jersaqx aktar lejn daru u b'hekk l-imputat qallu li se jipprocedi bl-avukat.

Meta Giuseppi Falzon xehed viva voce bazikament ikkonferma dak li kien diga' spjega fir-rapport tieghu. Zied ighid li l-imputat wara li telqu l-canteen tal-Marsa kien ighidilhom li jekk ma tuhx flus kien joghla l-imghax u kien imur Bugibba ghall-flus. Meta kien imur daqqa kienu jtuh u daqqa le u f'punt minnhom iddecidew li ma jaghtuhx izjed flus. B'kollox jahseb li hallsuh xi sitta/seba' darbiet izjed mis-self li kien ha ta' Lm2,000. In kontro-ezami jixhed li huwa qatt ma zamm notament ta' kemm kien qieghed ihallas u zied ukoll li jhallas kemm ihallas kienu jinqatghu biss l-imghaxijiet.

Albert Falzon jixhed li aktar minn 15-il sena qabel kellu bzonn Lm1,000 minhabba negozju u billi kien ghadu kif ha house loan ma setax jissellef mill-bank u kien issellifhom minghand l-imputat u ftiehem mieghu li se jtih Lm25 fil-gimgha. Missieru kien jaghtihomlu u kien jiffirma li tahomlu. Wara xi sena qallu li kienu lesti ghaliex huwa ried 25%. L-imputat qallu li lanqas kien beda ghaliex il-LM25 kienu biss ghall-imghax. Ix-xhud qallu li ma setax ihallas ghaliex kien naqaslu x-xoghol. Dan biex jistabilixxi ruhu fix-xoghol xi sentejn. Wara sentejn jaghtih LM25 qallu li seta' jhallsu u biex itih ftit cans. Wara sitt gimghat hareg cekk u tah lil missieru biex itihom lill-imputat u b'hekk wara sentejn ikunu lesti. L-imputat dam xi sitt gimghat biex mar ghac-cekk. Wara xi hmistax rega' mar u qallu li fil-perjodu tas-sitt gimghat li stenna kienu telghu LM125 fil-gimgha. Imbaghad ftiehem mieghu li se jtih cekkijiet ta' LM100 fil-gimgha. Ix-xhud izda ghamel stop-paymnent u lill-imputat qallu li ma kienx se jtih aktar flus.

Stephen Zammit jixhed li huwa kien jahdem ma' missier martu fil-canteen fis-sena 1991. Dak iz-zmien huwa kellu problema tal-loghob u gieli kien ikollu jissellef xi flus. Sar jaf li Giuseppi Falzon kien jissellef minghand l-imputat u meta kellem lill-imputat qallu li kien lest isellfu LM500 imma kellu jroddlu LM800 u huwa accetta u kien itih LM100 fil-gimgha u f'xahrejn kien jaqta' d-dejn kollu. B'kollox kien issellef bejn 8 u 10 darbiet. Fis-sena 1997 telqu mill-canteen u huwa mar jahdem mar-ragel t'ohtu. Lill-imputat baqa' jhallsu xi LM20 biex ma jghid xejn. Wara li telaq mixxoghol ghamel sitt xhur ma jahdimx u b'hekk ma setax itih pagamenti u l-imputat waqaf milli jcepillu. Mart ix-xhud kienet taghmel xi xoghol u kull nhar ta'

Gimgha kienet tmur taghti pagamenti ta' LM50 lil mart l-imputat fid-dar taghhom jew il-forn u xi kultant kienet taghtiha LM30 u mart l-imputat kienet tgerger u qatt ma kienet taghtiha ricevuti.

Zammit ikompli jixhed li fis-sena 2004/2005 martu kienet qabdet LM1,000 u marret ghand mart l-imputat u qaltilha li dawn kienu tal-ahhar. Pero' mart l-imputat qaltilha li dawk kienu interessi u kien ghad fadal pagamenti xi jsiru u wrietha karta li kien ghad hemm ammont pendent izda Zammit isostni li huma kienu diga' hallsu kull ma kellhom ihallsu. Wara xi zmien mart l-imputat bdiet iccempel id-dar tieghu u meta mar biex jara x'riedet qaltlu li kien ghad jonqos LM2,000 izda ghalkemm huwa kien cert li ma kien hemm xejn pendent ddecieda li jhallas dawn l-LM2,000 u ghamel seba' cekkijiet post-dated minn Gunju 2009 sa Dicembru 2009 ghall-ammont ta' €233 kull cekk. Ic-cekkijiet issarrfu kollha u l-imputat xorta baqa' jcempel u ghamillu sitt cekkijiet ohra ghal ammont ta' €233 kull cekk minn Mejju 2010 sa Ottubru 2010. Wara li l-imputat sarraf ic-cekkijiet beda jerga' jcempel u ddecieda li jmur ghand avukat. Huwa jghid li forsi b'kollox issellef xi LM5,000 u hallas lura xi erba' darbiet dak l-ammont. In kontro-ezami x-xhud ighid li l-imputat kien ighidilhom li sejjer ghand l-avukat biex johdilhom id-dar. Rigward dokument ezebit bhala Dok AZ[1] jixhed li l-ammont ta' €2,700 kien jinkludi kemm l-ammont li ssellef kif ukoll l-imghaxijiet. Jixhed li ghamel zmien kien qieghed jaghti lill-imputat ic-cekk tar-relief u l-imputat kien allegatament iheddu li se jmur jghid lil ommu anzjana li kienet f'dar tal-anzjani li kellu jaghtih.

L-imputat min-naha tieghu ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Huwa xehed li xi 22 sena qabel kien sellef lil Giuseppi Falzon LM4,000 u ffirmaw karta u dan hallas wara xi sena. Lil Giuseppi ma kienx rega' sellfu. Lil Albert Flazon selfu LM1,200 fis-sena 1998 u minn dan l-ammont ghadu thallas biss xi LM100 u kellu jhallsu fix-xahar. Stephen Zammit issellef minghand mart l-imputat u kien jaf li kien ghadda minn zmien hazin u wara hafna zmien tah LM1,400 f'cekkijiet ta' LM100 u dan kien sehh xi erbatax-il sena ilu. Jixhed li l-imghax kien ta' 8%. Huwa jixhed li ma jafx li martu thallset LM1,000 minghand mart Zammit u huwa jichad kull allegazzjoni migjuba fil-konfront tieghu anzi jsostni li huwa ghad fadallu jiehu flus. L-imputat irrilaxxja wkoll stqarrija li hija fuq l-istess binarju ta' dak li xehed huwa.

[1] A fol 122 tal-process

Stabilit dan kollu jirrizulta ghalhekk li l-Qorti ghandha zewg versjonijiet konfliggenti. Madankollu dan ma jfissirx awtomatikament li l-Qorti ghandha tghaddi biex tillibera lill-imputat ghaliex mhux kull konflitt ghandu jwassal ghal-liberatorja.

Infatti din il-Qorti wara li evalwat il-provi prodotti tqis li l-versjoni moghtija mill-parte civile ghandha mill-veru u hija kredibbli. Id-difiza targumenta li huma wasslu biex jaghmlu tali rapport ghaliex l-imputat kien ghad fadallu jithallas u allura biex jevitaw il-pagament. Dan l-argument izda m'ghandux mis-sewwa. Inkwantu ghal Giuseppi Falzon jirrizulta li huwa hallas l-ammont imsellef u dan hekk kif anki dikjarat mill-imputat. Inkwantu ghal Albert Falzon l-imputat jindika fl-istqarrija tieghu li fadallu jaghtih xi LM1,600. Albert Falzon kien issellef LM1,200 madwar 16-il sena qabel u minnhom kien hallas biss LM125. Inkwantu ghal Stephen Falzon jistqarr li Zammit kien issellef minghand martu l-ammont ta' LM2,000 u minnhom fadallu jaghti xi LM400 jew LM500. Mhux minnu li Stephen Zammit issellef LM2,000 biss izda kif qal l-istess Zammit l-ammont misluf kien ferm akbar. Oltre' minn dan document AZ ezebit mill-istess imputat jindika li kien issellef LM2,700. Dan id-dokument allura jista' jittiehed minn zewg perspettivi – jew kif qal Zammit innifsu li l-ammont indikat kien fih l-imghaxijiet mohbija jew altrimenti li l-imputat sellfu ammonti ferm akbar minn dak mistqarr minnu. Tajjeb ukoll hawnhekk jigi rilevat li fix-xhieda tieghu l-imputat ighid li Zammit ghad fadallu jaghtih LM1,300 mentri fl-istqarrija tieghu l-ammont indikat minnu huwa ta' LM400 jew LM500. Zammit jipprova wkoll li huwa kien kostrett ihallas l-ammont li baqa' jintalab minnu permezz ta' cekkijiet li jirrizultaw mill-istatement bankarju ezebit fl-atti. L-imputat isostni li Zammit issellef minn martu u mhux minnu. Din il-Qorti ma temmnux ghalkemm temmen li martu verament setghet kien tircievi l-flus u tassigura li l-hlasijiet kienu jsiru. Id-domanda ferm pertitenti li trid tigi wkoll indirizzata hija li l-istess imputat anki meta xehed gab ktieb mieghu li skontu kien izomm ir-rendikonti tas-self li kien jaghmel u tal-hlasijiet li kien jircievi: kif allura wara dawn is-snin kollha ma pprocedix kontra d-debituri tieghu? Fil-fehma tal-Qorti r-risposta hija ovvja : ghaliex l-imghax impost minnu kien ferm oghla minn dak stipulat mil-ligi u kemm Albert Falzon kif ukoll Stephen Zammit kienu diga' hallsuh l-ammont misluf izda huwa kien ghadu qieghed jigri wara l-imghaxijiet li huwa ghogbu jimponi. Irrizulta infatti li jekk Zammit issellef LM500 l-imputat kien ikun irid LM800 lura. Anki l-fatt li l-imputat kien imur

flimkien ma' martu biex jiekol fil-kiosk ta' Giuseppi u Albert Falzon u ma kienx ihallas (fatt mhux michud minnu) jipprova li l-imputat kien jezercita certu poter fuqhom u li huma kienu sokkombenti ghalih.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 298C(5) tal-Kodici l-ligi taghna tistipula li l-Qorti ghandha tordna lill-hati jhallas l-ammont li jkun thallas in eccess meta dan l-ammont jirrizultalha. F'dan il-kaz pero' din il-Qorti ma tqisx li tista' tohrog tali ordni u dan billi filwaqt li jirrizulta li kien hemm imghaxijiet imposti mill-imputat oltre' dak impost mil-ligi ossija 8% madankollu ma rrizultax l-ammonti precizi li thallsu in eccess. Filwaqt li tifhem li ma kinitx tinghata ricevuta mill-imputat jew minn martu kull darba li kien isir il-hlas u dan ghal ragunijiet ovvji, l-istess Albert Falzon u Stephen Zammit ma tawx rendikont preciz tal-hlas kollu li sar minnhom.

Illi inkwantu ghal Giuseppi Falzon jirrizulta li d-debitu gie saldat u dan snin ilu ferm qabel Ottubru 2011 u anki ferm qabel l-introduzzjoni ta' dan l-artikolu tal-ligi ossija l-artikou 298C tal-Kodici Kriminali li introduca bhala reat kriminali l-uzura permezz tal-Att III tas-sena 2002. Inkwantu ghal Albert Falzon u Stephen Zammit is-self imur lura ferm qabel din id-data izda l-imputat qieghed jigi akkuzat bir-reat kontinwat ghaliex baqa' jippersisti ghall-hlasijiet minghand l-istess sa ftit qabel ma sari r-rapport ghand il-pulizija fit-taqsima tal-economic crime u ghaldaqstant wara l-introduzzjoni ta' dan ir-reat fil-ligi taghna.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura serja tar-reat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat. Ma tqisx li ghandha timpani piena karcerarja effettiva izda ghandha timpani sentenza sospiza apparti l-multa.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu inkantu li rcieva imghax in eccess impost mil-ligi minghand Albert Falzon u Stephen Zammit izda mhux Giuseppe Falzon u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2) u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' erbat elef euro (€4,000). F'kaz li l-multa jew parti minnha ma tithallasx din tigi konvertita fi prigunerija.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat